

## IL-QORTI ĠENERALI

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Frar 2012 — Budapesti Erőmű vs Il-Kummissjoni Ewropea**

(Kawżi magħquda T-80/06 u T-182/09) <sup>(1)</sup>

*(“Għajjnuna mill-Istat — Suq bl-ingrossa tal-elettriku — Kundizzjonijiet vantaġġużi mogħtija minn impriża pubblika Ungeriża lil ċerti produtturi tal-enerġija fil-kuntest ta' ftehim għax-xiri tal-enerġija — Deċiżjoni li tinbeda l-proċedura prevista fl-Artikolu 88(2) KE — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajjnuna inkompatibbli mas-suq komuni u li tordna l-irkupru tagħha — Għajjnuna ġdida — Kriterju tal-investitur privat”)*

(2012/C 89/30)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

**Rikorrenti:** Budapesti Erőmű Zrt (Budapest, l-Ungerija) (rappreżentanti: fil-Kawżi T-80/06 u T-182/09, M. Powell, solicitor, C. Arhold u K. Struckmann, avukati, kif ukoll, fil-Kawża T-182/09, A. Hegyi, avukat)

**Konvenuta:** Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: fil-Kawżi T-80/06 u T-182/09, N. Khan, L. Flynn u K. Talabér-Ritz, kif ukoll, fil-Kawża T-80/06, minn V. Di Bucci, aġenti)

### Suġġett

Fil-Kawża T-80/06, talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni nnotifikata lill-Ungerija permezz ta' ittra tad-9 ta' Novembru 2005, sabiex tinbeda l-proċedura prevista fl-Artikolu 88(2) KE, dwar l-għajjnuna mill-Istat C 41/2005 (ex NN 49/2005) — “spejjeż li ma jistgħux jiġu rkuprati” fl-Ungerija, u, fil-Kawża T-182/09, talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/609/KE, tal-4 ta' Ġunju 2008, dwar l-għajjnuna mill-Istat C 41/05 mogħtija mill-Ungerija permezz ta' Ftehimiet għax-Xiri tal-Enerġija (ĠU 2009, L 225, p. 53).

### Dispożittiv

(1) Ir-rikors huma miċħuda.

(2) Budapesti Erőmű Zrt hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 108, 06.05.2006.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Frar 2012 — L-Italja vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-267/06) <sup>(1)</sup>

*(“FAEGG — Taqsima ‘Garanzija’ — Infiq eskluż mill-finanzjament Komunitarju — Korrezzjonijiet finanzjarji — Frott u ħaxix — Ħażna pubblika ta' laħam taċ-ċanga u tal-vitella”)*

(2012/C 89/31)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

### Partijiet

**Rikorrent:** Ir-Repubblika Taljana (rappreżentant: G. Aiello, avvocato dello Stato)

**Konvenuta:** Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Cattariga u F. Jimeno Fernández, aġenti, assistiti minn A. Dal Ferro, avukat)

### Suġġett

Talba għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/554/KE, tas-27 ta' Lulju 2006, li teskludi mill-finanzjament Komunitarju ċertu infiq magħmul mill-Istati Membri taħt il-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (FAEGG), Taqsima “Garanzija” (ĠU L 218, p. 12), sa fejn din teskludi ċertu infiq magħmula mir-Repubblika Taljana fis-setturi tal-frott u l-ħaxix u tal-ħażna pubblika ta' laħam taċ-ċanga u tal-vitella.

### Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Ir-Repubblika Taljana għandha tbatl l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

<sup>(1)</sup> ĠU C 281, 18.11.2006.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Frar 2012 — Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-59/09) <sup>(1)</sup>

*(“Aċċess għal dokumenti — Regolament (KE) Nru 1049/2001 — Dokumenti dwar proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu magħluqa — Dokumenti li joriġinaw minn Stat Membru — Għoti ta' aċċess — Ftehim minn qabel tal-Istat Membru”)*

(2012/C 89/32)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Partijiet

**Rikorrenti:** Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (rappreżentanti: M. Lumma, B. Klein u A. Wiedmann, aġenti)